# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 11 ta' Jannar 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**
**vs**
**David Norbert Schembri**

**Kumpilazzjoni Nru: 590/2010**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi David Norbert Schembri, ta' 44 sena, bin Anthony u Evelyn nee' Micallef, imwieled Pieta' fil-15 ta' Settembru 1975, residenti gewwwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 369676(M).

Akkuzat talli fl-01 ta' Gunju, 2010, ghall-habta ta' xi 09:10am waqt li kien hdejn l-M.I. Room tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Noel Borg miz-Zejtun f'periklu car, ikkaguna ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Noel Borg, skond kif iccertifikaw Dr. G. Bonnici MD. Reg. 3214 u Dr. S. Pirotta MD. Reg. 3146 ta' l-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gab difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem (ghajnejn ix-xellugija) tal-istess Noel Borg u dan bi ksur tal-artikoli 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zamm ghandu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra, bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-

Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 13(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' Noel Borg ohra iweggghu bi kliem b'gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-imsemmi Noel Borg sabiex jinsulentah, iweggghu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qabad strument li jaqta' u bil-ponta (xafra) kontra Noel Borg u dan bi ksur tal-artikolu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-kliem insulenta u hedded lil Noel Borg u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli b'hekk titqies recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika d-dispozzizzjonijiet tal-Art 33A tal-Kap 9.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Noel Borg u l-familjari tieghu u tapplika l-provedimenti ta' Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 214, 215, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 18, 338(bb) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 338(dd), 339(d), 339(b) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;
f) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
h) 17, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] A fol 189.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz ikompli jinstema' minn din l-Qorti bi procedura sommarja[2].

Rat is-sentenza tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali mghotija fit-18 ta' Frar 2020 meta dik il-Qorti annullat is-sentenza mghotija fit-8 ta' Mejju 2015 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef Dr Joseph Azzopardi mghoti fil-25 ta' Frar 2020 permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fit-2 ta' Lulju 2020 meta, wara li saret referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-partijiet qablu li jaghmlu sottomissjonijiet orali mill-gdid u wara l-kawza tista' tibqa ghas-sentenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li fil-kors tas-sottomissjonijiet maghmula f'isem l-imputat giet sollevat l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw incident li sehh nhar l-1 ta' Gunju 2010 fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin f'liema incident huwa allegat li certu Noel Borg soffra griehi.

## Il-Provi Prodotti

Illi l-parte leza, **Noel Borg**, iddepona quddiem il-Qorti[3]. Jirrakkonta li f'l-ahhar gimgha ta' Mejju (2010), il-gurnata kienet il-Hamis, wara li mar jiehu l-methadone mar fil-bitha u kien qed jitkellem ma' prigunier iehor meta mar l-imputat hdejh u beda jaqbad mieghu. Borg qallu biex ihallih ghax ma kellux aptietu u l-imputat, ghalkemm kien jaf li missier Borg kien miet, ghajru b'missieru. F'dan l-istadju Borg u l-imputat gew f'l-idejn; intervjenew l-ufficjali tal-habs, hadu lil Borg fic-cella u ghalkemm qallhom li ried jiccaqlaq minn Division 1, qalulu li kienu ser icaqalqu lill-imputat. Borg qallhom li setghu ihallu lill-imputat f'dik id-division ghax hu xorta ried jiccaqlaq; fil-fatt lil Borg caqalquh ghal Division 3 u lill-imputat hallewh f'Division 1. Borg ikompli jirrakkonta li xi gimgha wara, f'l-1 ta' Gunju, mar l-MI Room ghall-methadone, u sakemm

[2] Ref verbal a fol 188.
[3] Depozizzjoni a fol 32.

tawhielu l-imputat kien gie warajh u lahaq wasal hdejn l-bieb ta' barra ta'l-MI Room. Borg jghid li hu u hiereg l-imputat fetah idu u giet kwazi mal-habba ta' ghajnejh; l-imputat "*gibidlu zewg farretti ohra li kwazi taqqabblu wiccu right through*". Malli gara dan kollu, Borg jghid li kollox dam xi zewg sekondi, hu irtira xi passi lura u immedjatament gew l-ufficjali tal-habs. Borg jghid ukoll li dak il-hin ma kienx jafx x'kellu f'idejh l-imputat pero sar jaf wara, sar jaf ukoll li sakemm gew l-ufficjali l-imputat tefa' "*l-arma*" li kellu fil-but u fil-fatt instabet hemm. Mistoqsi dwar l-incident tal-Hamis ta' qabel jghid li hu qatt ma kellu sikkina jew xafra fic-cella tieghu. Qal ukoll li skond ma kien qed jintqal ix-xafra li nstabet fic-cella li kien jokkupa hu instabet wara l-incident ta'l-1 ta' Gunju meta kien lahaq dahal prigunier iehor f'dik ic-cella. Ikkonkluda jghid li ghalkemm ma tilifx id-dawl ma jaghrafx xejn mill-ghajn li fiha intlaqat.

Illi xehedu diversi ufficjali tal-pulizija u mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin:

- **L-Ispettur Alexander Grech**[4], li kien investiga dan il-kaz u beda il-prosekuzzjoni tieghu, spjega li meta f'l-1 ta' Gunju 2010 gew infurmati b'l-akkadut mill-ufficjal tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, huwa mar l-isptar biex ikellem lil Noel Borg. Dan allega li l-Hamis ta' qabel[5] kellu argument ma' l-imputat u fil-gurnata in ezami, cioe l-1 ta' Gunju 2010, mar hdejn l-MI Room, kien hemm l-imputat li tah zewg daqqiet ta' xafra go wiccu. Aktar tard dak n-nhar, flimkien mas-Supretendent Sharon Tanti, ix-xhud ha stqarrija ta'l-imputat. Peress li l-imputat allega li Noel Borg kien qed jheddu u li kellu xi sikkina mohbija fic-cella, saret tfixxija fic-cella ta' Borg u fil-fatt instabet xafra ta' sikkina. Noel Borg qallu lix-xhud li ma kien jaf xejn dwar dik is-sikkina. In kontro-ezami x-xhud zied li l-imputat kien qal lill-pulizija il-post preciz fejn Noel Borg kien qed izomm is-sikkina. Ix-xhud esebixxa zewg certifikati medici ta' Noel Borg[6]; ix-xafra li nstabet fuq l-imputat[7] u x-xafra li nstabet fic-cella ta' Noel Borg[8]; l-istqarrija tal-imputat[9]; u l-PIRS Report[10].

- **Is-Supretendent Sharon Tanti**[11] ikkonfermat l-istqarrija ta'l-imputat li ttiehdet minnha u mill-Ispettur Alexander Grech.

- **L-Ispettur Spiridione Zammit**[12] xehed biex jesebixxi kopja ta' zewg sentenzi mghotija fil-konfront ta' l-imputat[13] u biex jikkonferma li l-imputat ma kellux licenzja mahruga f'ismu biex igorr armi.

---

4 Depozizzjoni a fol 18.
5 L-1 ta' Gunju 2010 kien it-Tlieta ghalhekk il-Hamis ta' qabel jigi s-27 ta' Mejju 2010.
6 Dok AG1 u Dok AG2 a fol 21 u 22 rispettivament.
7 Dok AG3.
8 Dok AG4.
9 Dok AG5 a fol 25.
10 Dok AG6 a fol 23.
11 Depozizzjoni a fol 28.
12 Depozizzjoni a fol 93.
13 Wahda datata 10 ta' Marzu 2000, Dok SZ1 a fol 95; u l-ohra datata 9 ta' Mejju 2008, Dok SZ2 a fol 98. L-identita ta'l-imputat fit-tieni sentenza giet konfermata mis-Supretendent Nicholas Ciappara (depozizzjoni a fol

• **PS1527 Conrad Ellul**[14] jghid li hu kien qieghed xoghol l-ghassa ta' Rahal Gdid meta gie infurmat b'dak li kien gara. Hu mar fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u hemm ha l-verzjoni tal-ufficjali involuti u wara mar l-isptar biex jiehu il-verzjoni ta' Noel Borg. PS1527 staqsa lil Borg x'kienet ir-raguni ta'l-aggressjoni u hu qallu li jahseb li minhabba li l-gimgha ta' qabel kienu ggieldu. Dan ix-xhud ukoll prezenta PIRS Report[15].

• **Il-Maggur James Abela**[16] jghid li fil-gurnata in ezami, ghall-habta tad-09.00hrs daqqet l-alarm ta' l-MI Room ghalhekk huwa u SRTs ohra marru hemm. Meta waslu sabu lil Borg izomm wiccu li kien bid-demm; Borg indikalhom li l-imputat kien qieghed f'l-MI Room, huma dahlu u fil-fatt sabuh hemm u l-imputat tahom oggett li kellu fil-but. Dan l-oggett kien xafra; poggewha f'envelope u ghaddewha lill-Ispettur Grech.

• **CO 95 Roderick Mifsud**[17] jghid li dak in-nhar inzerta kien fil-kuritur ta'l-MI Room u ra lill-imputat jgholli idejh lejn wicc Noel Borg li da parti tieghu mbaghad beda jzomm wiccu. CO95 specifika li ghall-ewwel hu haseb li l-imputat kien tah daqqa ta' ponn lil Borg ghax hu kull ma ra kien lill-imputat jgholli idejh lejn wicc Borg. Mistoqsi jekk l-imutat kellux xi haga fil-pussess tieghu jghid li kull ma ra xi haga li ghalih kienet lighter.

• **PC1522 Marco Azzopardi**[18] jghid li fil-hin ta'l-incident huwa kien niezel mill-MI Room meta sema lil xi hadd jghajjat "*ajma*"; PC1522 dar u ra lil Borg jghatti wiccu u haseb li kien qala daqqa ta' ponn. Ix-xhud gibed lill Borg 'l hemm peress li kienu qishom qed jiggieldu u x'hin Borg nehha idejh minn ma wiccu kellu "*zewg gandotti bid-demm niezel minn ma wiccu*".

• **Mario Zahra**[19], manager fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, prezenta case summary[20] dwar it-trattament li rcieva Noel Borg f'l-isptar; dan id-dokument kien mizmum mar-records ta' Borg f'l-MI Room.

116). Mill-verbal ta'l-udjenza mizmuma fis-16 ta' Dicembru 2010 jirrizulta li d-difiza mhiex qed tikkontesta li dawn is-sentenzi inghataw fil-konfront ta'l-imputat.

[14] Depozizzjoni a fol 89.

[15] Dok CE1 a fol 91. Jigi rilevat li PS 1257 Conrad Ellul rega' tressaq bhala xhud f'udjenza sussegwenti (depozizzjoni a fol 108) meta rrepeta dak li kien qal u rega' prezenta l-PIRS Report (ukoll market DOK CE1 a fol 111).

[16] Depozizzjoni a fol 59.

[17] Depozizzjoni a fol 61.

[18] Depozizzjoni a fol 63.

[19] Depozizzjoni a fol 118.

[20] Dok MZ1 a fol 120.

• **Clint Zahra**[21], ufficjal inkarigat mill-Control Room fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, spjega li minhabba hsarat teknici l-filmati mehuda mic-CCTV kienu intilfu.[22]

Illi xehedu ukoll:

- **Dr Jeffrey Bonnici MD**[23] mid-dipartiment ta'l-Emergenza f'l-Isptar Mater Dei li kkonferma c-certifikat minnu rilaxxjat[24] u spjega li Borg kellu lacerazzjoni fuq in-naha tal-lemin ta' isfel ta' l-ghajn, griehi fil-cornea, lacerazzjoni longitidunali ta' tmien centimetri fuq in-naha ta' gewwa tal-habba ta' wiccu, u lacerazzjoni ohra ukoll longitudinali ta' tmien centimetri fuq in-naha ta' barra tal-habba ta' wiccu.
- **Dr Susan Pirotta MD**[25]**,** ukoll mid-dipartiment ta'l-Emergenza f'l-Isptar Mater Dei, li kkonfermat ic-certifikat rilaxxjat minnha[26] u spjegat li Noel Borg kellu toqba f'l-abjad ta' ghajnejh tax-xellug, ticrita fil-kulur ta'l-ghajn u ticrita fil-gilda tal-kappell ta'l-ghajn dejjem tax-xellug.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gew nominati esperti:

**Joseph Mallia**[27], ezamina ix-xafra li instabet fic-cella li kien jokkupa Noel Borg u ghalkemm sab tlett impronti dawn kienu zghar hafna u neqsin mill-punti karatteristici u ghalhekk ma kienux tajbin ai fini ta' komparazzjoni.

**Dr Mario Scerri MD**[28]**,** li ezamina li Noel Borg fid-29 ta' Settembru 2010, ikkonstata li Borg kellu zewg cikattrici paralleli ghal xulxin fuq in-naha tax-xellug tal-wicc; dawn kienu rizultat ta' incizzjonijiet u kien ser jibqaw marka permanenti fil-wicc u huma vizibbli sew. Wahda minn dawn l-incizzjonijiet kienet testendi 'l fuq ghal taht il-kappell ta' l-ghajn u tinvolvi wkoll il-cornea u l-iris; dan irrizulta f'problemi serji fil-vista. Dr Scerri ezamina lill-imputat ukoll li ma kellux lezjonijiet friski; dan l-ezami sar fit-13 ta' Dicembru 2010[29]. Minn verifiki ulterjuri li ghamel Dr Scerri mar-records mizmuma l-istar Mater Dei[30] irrizulta li l-imputat ghandu *a light right temporal arachnoid cyst causing mild impingement on the right temporal lobe.* Mistoqsi dwar x'effett jista' jkollha din ic-cyst fuq l-

---

[21] Depozizzjoni a fol 103.
[22] Dan il-fatt gie konfermat ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn dan ix-xhud (ref fol 333).
[23] Depozizzjoni a fol 30.
[24] Dok AG1 a fol 21.
[25] Depozizzjoni a fol 125.
[26] Dok AG2 a fol 22..
[27] Depozizzjoni a fol 42 u rapport, Dok JM1, a fol 44.
[28] Depozizzjoni a fol 6 u rapport, Dok MS1, a fol 70.
[29] Ghal kull bon fini jigi rilevat li mill-atti ma jirrizultax li Dr Scerri kien inghata inkarigu biex jezamina lill-imputat. Mill-verbal ta'l-udjenza mizmuma fid-29 ta' Settembru 2010 (a fol 11/12) jirrizulta li Dr Stephen Tonna Lowell talab li jigi mahtur espert mediku biex jezamina lil Noel Borg; l-Qorti laqghet dik it-talba u nnominat lil Dr Scerri. Ma jirrizultax li kien hemm xi talba jew xi degriet iehor permezz ta' liema Dr Scerri intalab jezamina lill-imputat biex jikkonstata kellux xi griehi. L-inkarigu sussegwenti li nghata lil Dr Scerri kien fil-15 ta' Dicembru 2011 (a fol 136) u dan kien biex jezamina l-file mediku ta'l-imputat b'l-ghan li jistabilixxi jekk kellux arachnoid cyst.
[30] Depozizzjoni a fol 147 u rapport Dok MS a fol 152.

agir tal-persuna jghid li l-effetti jiddependu fuq diversi fatturi u li hija materja li ghandu jirrispondi dwarha newrologu. In kontroezami qal li arachnoid cyst ma jnehhuhiex u li fil-kaz in ezami ma jidhirx li c-cyst qed taghmel pressure.[31]

Illi f'l-udjenza mizmuma f'l-4 ta' Marzu 2011[32], meta din il-kawza kienet ghada qed tinstema minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja, l-imputat "*eccepixxa d-dimensja fil-mument tal-kommissjoni tar-reat*" ghalhekk inhatru **Dr Anton Grech, Dr John Mifsud, u Dr Peter Muscat** biex jezaminaw lill-imputat u jirrelataw dwar l-istat mentali tieghu fid-data tal-kommissjoni tar-reat.

Illi mid-depozizzjoni u r-rapport[33] ta'l-imsemmija esperti jirrizulta li dak in-nhar ta'l-incident l-imputat kien fi stat ta' biza' u anzjeta liema stat pero ma kienx qed ifixkel il-kapacita tieghu li jkun jaf x'qed jaghmel jew li jizen u jiddeciedi x'jaghmel jew li jifhem il-konsegwenzi ta' eghmiltu. In kontro-ezami[34] l-esperti qalu li huma ma kellhomx informazzjoni dwar jekk l-imputat kellux arachnoid cyst, pero jghidu li arachnoid cyst jista' jkollha effett fuq il-psike ta' dik il-persuna. Qalu li l-effetti ta' cyst ta' din ix-xorta jiddependi fuq diversi fatturi inkluz id-daqs u l-pozizzjoni taghha. L-esperti insistew li l-ezami li ghamlu huma ma kienx wiehed newrologiku imma psikjatriku ghalhekk la setghux jghidu jekk l-imputat kellux arachnoid arachnoid cyst u lanqas x'effett jista' jkollha, jekk ghandu.

Illi n-newrologu nominat mill-Qorti **Dr Norbert R Vella**[35] b'mod generali spjega li arachnoid cysts huma cysts li normalament jinsabu bejn l-ghadam ta'l-iskull, tar-ras jew il-mohh jew inkella bejn it-tessuti tal-mohh. Spjega li hafna drabi dawn ic-cysts ma jkunux sintomatici f'liema kaz ma jsirx intervent pero jekk ic-cyst tikber u tibda taghfas fuq certi partijiet tal-mohh jista' jaghti l-kaz li jkun hemm bzonn ta' intervent kirurgiku, pero din hija haga rari. Dwar l-imputat Dr Vella ikkonferma li hemm arachnoid cyst fuq in-naha tal-lemin pero mis-sena 2007 sa 2009 ma kienet ghamlet l-ebda kambjament fid-daqs taghha. Qal ukoll li dawn ic-cysts jistghu jikkawzaw behavioural disturbances imma normalment l-on set taghhom, jekk se jaghmlu sintomi, tkun wahda bil-mod u mhux akuta u l-kors taghhom ikun longlasting. Spjega ukoll li arachnoid cysts fit-temporal lobe jistghu jaghtu attakki epilettici li noralment ma jkunux assocjati ma' goal directed violence imma tkun vjolenza accidentali bhal per ezampju jekk xi hadd "*inkun in the path of someone else*". In kontro-ezami[36] u b'referenza ghall-artikolu dwar xi kaz Portugiz imsemmi mid-difiza qal li dan fil-fatt huwa case study publikat f'gurnal li ghandu impact factor baxx hafna. Pero irrispettivament mill-impact factor tal-gurnal dak kien case study u n-newrologi jimxu fuq studji xjentifici li jinvolvu diversi kazijiet. Ikkonferma li l-effett ta' growth fil-mohh jiddependi fuq

[31] Ix-xhud prezenta ic-CT Scans u l-MRI li kienu saru lill-imputat.
[32] Ref verbal a fol 107.
[33] Depozizzjoni a fol 131 u rapport, Dok PM1, a fol 133.
[34] A fol 137.
[35] Depozizzjoni a fol 185 u rapport, Dok NV1, a fol 171.
[36] A fol 195.

il-post fejn ikun qieghed jaghmel pressure. L-effett fuq it-temporal lobe tax-xellug ikun aktar behavioural, ta' emozzjoni. Fil-kaz ta'l-imputat c-cyst kienet fin-naha tal-lemin. Ikkonferma ukoll li peress li huma affarijiet beninji ma jigux operati imma kontrollati bil-medicina. Jista' jkollok eccezzjonijiet li ma jkunux kontrollabbli bil-medicini allura jista' jsir intervent kirurgiku. Dwar ic-cyst li ghandu l-imputat jghid li miz-zewg MRIs li saru ma jidhirx li kien hemm xi differenza fid-daqs taghha.

Ikkunsidrat

Illi **l-imputat** irrilaxxja stqarrija u anke iddepona quddiem il-Qorti.

Illi f'l-istqarrija[37] l-imputat ghazel li ma jirrispondiex ghal hafna mid-domandi li jirreferu ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Qal pero li sitt ijiem qabel dan l-incident Borg kien tah daqqa ta' sikkina fil-bitha tal-habs u wara xi ftit lil Borg haduh Division 6. Qalu koll li Borg kien heba is-sikkina wara tubu fic-cella li kellu qabel ma haduh Division 6 u li din is-sikkina kienet ghada hemm ghax Borg ma kellux cans inehhiha qabel ma haduh Division 6. L-imputat qal li wara dan l-incident xi hadd wassallu li Borg ried ipattihielu ghax kien offendih b'missieru; minhabba f'hekk l-imputat ma kienx qed imur komdu l-MI Room ghall-methadone ghax hemm kien l-unika post fejn setghu jiltaqghu. Jghid li hu kien qed jghix fil-biza' li Borg seta' jghamillu xi haga. L-imputat jghid li mill-ewwel incident l-ewwel darba li ra lil Borg kien hdejn l-MI Room dak in-nhar ta'l-incident. L-imputat ghazel li ma jghidx jekk kienx ilu jzomm ix-xafra fuqu kuljum minn dak in-nhar ta'l-ewwel incident. Jghid li hu mhux dejjem f'l-istess hin immur ghal methadone ghax id-division tieghu ghandhom bejn 09:00hrs u 10:30hrs biex imorru; jghid ukoll li minn ikun qieghed f'Division 6 ma jmurx hu ghall-methadone imma jiehduhielhom fid-division. Mistoqsi jekk irrappurtax l-ewwel incident (tal-Hamis) jew jekk talabx li jigi immedikat meta mar l-MI Room, l-imputat qal li fil-passat kienu gabulu skuzi ghalhekk ma talabx li jsir rapport pero talab lill-Maggur Vince biex jiehu ritratt tal-griehi li kellu fuq mohhu; qal ukoll li meta mar l-MI Room kien jiehu l-meathadone u jitlaq 'l hemm, "*ma qadtx naghmel ghageb*". L-imputat jghid ukoll li hu ma kienx jaf kemm kienu gravu l-griehi li soffra Borg u li hu ma ridtx li jitlef ghajnejh. Zied li kien cert li Borg kien armat allura ma setax imur b'idu f'idu. Mistoqsi dwar il-fatt li instema jghid li hu ma jinsiex u "*min jghamilli jaghmillu*", l-imputat ghazel li ma jwiegibx.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[38] l-imputat spjega kif inizjalment, meta hu u Noel Borg kienu it-tnejn f'Division 1, cella ma cella, kienu hbieb pero inqala disgwid bejniethom li fih kienu involuti terzi persuni; bhala rizultat ta' dan id-disgwid Borg ma kienx qed ikellem lill-imputat. Ftit granet wara li nqala dan id-disgwid, kien il-Hamis, l-imputat talab lil Borg biex jaghtih xi tabakk pero Borg qabad jghajjat mieghu, hareg sikkina mil-komma u xejjirlu daqqa fuq mohhu; inqala

[37] Dok AG5 a fol 25.
[38] A fol 203.

gwaj shih u l-imputat ghajjar lil Borg b'missieru. Wara dan l-incident l-imputat issakkar fic-cella pero talab lill-Maggur Vince jiehu ritratt tal-ferita li kellu fuq mohhu. L-imputat sar jaf li lil Borg haduh Division 3. L-ghada ta' dan l-incident u fil-granet ta' wara l-imputat mar l-MI Room biex jiehu l-methadone; qatt ma ltaqa' ma' Borg. Il-Hadd pero l-imputat gie infurmat li Borg kien qal li ser ipatthielu u li (Borg) talab ghas-sikkina li kien heba wara tubu fic-cella li kellu f'Division 1. L-imputat jghid ukoll li huwa kien mar f'din ic-cella u ra is-sikkina. Dan kollu gara il-Hadd. L-ghada meta mar l-MI Room ma kienx komdu ghaliex issa kien jaf li Borg ried ipatthielu. Dak il-lejl inkwieta hafna u ghalhekk l-ghada ha xafra mieghu meta mar l-MI Room. L-imputat specifika li hu ma kienx qed isegwi lil Borg imma sabu hemm b'kumbinazzjoni; jghid li kieku kien qed isegwih kien jistennih fit-tarag fejn m'hemmx cameras. L-imputat ikompli jirrakkonta li hekk kif fetah l-bieb ta'l-MI Room sab lil Borg quddiem wiccu; Borg kien ser jgholli idejh pero hu kien pront aktar minnu u tahielu. L-imputat zied jghid li hu ma riedx jiehdu f'ghajnejh lil Borg.

Illi in kontro-ezami jghid li dwar l-incident tal-Hamis talab li jaghmel rapport pero gabulu skuza li kien sar il-hin u ghalhekk ma qaghadx jiffitahom. Jghid li lanqas certifikat ma kellu dwar l-ferita ghaliex ma haduhx l-MI Room. Mistoqsi dwar ix-xafra jghid li din kienet ghandu biex jaqta karti u li jkollu bzonn; kienet xafra ta' blade imwahhla ma' bicca plastic. Qal li meta ra lil Borg u dan gholla idejh, hu zammlu idejh b'id wahda u tah b'l-id l-ohra li fiha kien qed izomm ix-xafra. L-imputat qal li dak il-hin ma qaghadx jara jekk Borg kellux xi haga f'idejh. Mistoqsi fejn ried jolqot lil Borg, la darba ma kenitx l-intenzjoni tieghu li jolqtu f'ghajnejh, l-imputat jghid li l-intenzjoni kienet li "*ma jhallihx jaghmillu ohra, self defence*". L-imputat zied jghid li dwar is-sikkina li Borg kellu fic-cella tkellem biss meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrija.

Illi l-imputat ressaq xi persuni bhala xhieda, uhud minnhom kienu gia xehedu ingunti mill-prosekuzzjoni[39]:

**Mario Zahra**[40] qal li skond ir-records mizmuma fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin ma jidhirx li hemm xi notament dwar l-incident in ezami fil-behavioural sheets ta' l-imputat. Huwa ikkonferma li immedjatament wara l-incident l-imputat ittiehed Division 6 pero dan ma kienx kastig imma mizura biex l-imputat u Borg ma jigux f'kuntatt ma xulxin. Minn verifiki verbali li ghamel ix-xhud ma' kollegi tiegu jirrizulta li l-imputat kien inzamm Division 6 mill-1 ta Gunjnu 2010 sas-7 ta' Awwissu 2010. Ix-xhud spjega li prigunieri jittiehdu Division 6 ghal diversi ragunijiet: meta jkunu ghadhom kemm iddahhlu l-habs, jekk ikun hemm overpopulation, bhala kastig fuq decizjoni tal-Bord jew tad-Direttur, u meta jkun necessarju li priguniera ma jigux f'kuntatt ma xulxin. Zahra prezenta l-

[39] Ghandu jigi rilevat li minbarra l-persuni elenkati, f'l-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2013 d-difiza ressqet li Dr Joseph Spiteri MD bhala xhud izda dan ma kienx f'pozizzjoni li jaghti taghrif minhabba li ma kellux access ghar-records (ref depozizzjoni a fol 231). Ma jidhirx li dan ix-xhud rega' tharrek.
[40] Depozizzjoni a fol 211.

punishment sheet ta'l-imputat[41] u spjega kif minnha ma jidhirx li ghal dan l-incident l-imputat inghata xi kastig.

**Il-Maggur Vincent Vassallo**[42] ikkonferma li kien hemm okkazzjoni meta l-imputat intbaghat ghandu biex jiehu ritratti ta' xi griehi li kellu. Dawn ir-ritratti[43] ittiehdu fit-8 ta' Marzu 2008. Meta x-xhud rega gie mistoqsi meta ittiehdu ir-ritratti qal li ma jiftakarx ezatt. Riprodott[44] il-Maggur Vassallo prezenta ritratt iehor[45] ta'l-imputat li ittiehed fis-6 ta' Gunju 2010. F'udjenza sussegwenti[46] il-Maggur Vassallo prezenta records li juri fejn inzamm l-imputat tul is-snin fil-habs[47].

**Il-Maggur James Abela**[48] ikkonferma li kien hemm zmien meta l-imputat kien mizmum f'Division 6, li hija l-maximum security division, fejn il-prigunieri ghandhom anqas privileggi. Ikkonferma li l-bibien tac-cellel huma grada kbira daqs il-hajt shih u l-elettriku hemm huwa vultagg anqas u ghalhekk mhux kull televisison jista jintuza hemm. Ix-xhud qal ukoll li, fuq ordnijiet tad-Direttur, kull meta jinqala incident bhal dak in ezami l-persuna koncernata tittiehed f'Division 6. Riprodott[49] ix-xhud jghid li l-imputat kien ghamel bejn wiehed u iehor sitt xhur f'Division 6. Spjega ukoll li fiz-zmien in ezami kien jezisti Bord li kien jiddetermina meta jkun opportun li prigunier jintbaghat jew jitnehha minn din id-divizjoni. Dwar l-imputat jghid li l-kaz tieghu kien jaqa' direttament taht id-Direttur. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li meta persuna tittiehed f'din id-divizjoni bhala pass dixxiplinari, dan il-fatt jittnizzel fir-records tal-prigunier.

**Il-Maggur Frans Agius**[50] ikkonferma li kien hemm okkazzjoni meta kien stazzjonat xoghol fic-Cental Hall u inqala' argument bejn xi inmates. Lil wiehed minnhom, Noel Borg, qaflu. L-imputat lahaq mar fil-kamra tal-banju ghalhekk ix-xhud dahal jissorvelja u ra li kellu line ahmar bid-demm fuq mohhu u staqsih ridx imur l-MI Room imma l-imputat ma ridx.

**Dr Joseph Tonna MD**[51] li kien jara lill-imputat kemm id-Detox Centre, qabel m dahal il-habs, kif ukoll il-habs, jghid li l-imputat huwa bniedem impulsiv hafna. Ikollu hafna mood swings fejn filli jkun tajjeb u f'daqqa wahda jigi nervuz, irritabbli, u taqbizlu malajr. Jghid li dan jista jkun effett tas-sustanzi li kien jiehu qabel ma dahal il-habs u anke rizultat tal-fatt li hu qatt m'accetta li kien wehel sentenza ta' ghomor il-habs. Fil-fatt l-imputat kien involut f'diversi incidenti ohra

[41] Dok MZ1 a fol 215.
[42] Depozizzjoni a fol 217.
[43] Dok VV1 a fol 220.
[44] Depozizzjoni a fol 249.
[45] Dok VV1 a fol 253.
[46] Depozizzjoni a fol 255.
[47] Dok VV1 a fol 257.
[48] Depozizzjoni a fol 222.
[49] Depozizzjoni a fol 236.
[50] Depozizzjoni a fol 226.
[51] Depozizzjoni a fol 241.

kemm ilu l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, inkluz ma ufficjali tal-habs; kien hemm incident ukoll fejn anke qabbad ic-cella. Ix-xhud jghid li anke laqghat mal-familjari tieghu kienu jiddisturbawh. L-imputat kien taht il-kura ta' psikjatra pero ma kienx ikun irid jiehu l-medicina li tigi preskritta. Dr Tonna qal li kemm hu kif ukoll shabu professjonisti medici fil-habs kienu ilhom zmien twil ma jaraw lill-imputat ghaliex kien ghaddej minn zmien tajjeb[52]. Mistoqsi dwar Division 6 jghid li sa fejn jaf hu hija high security pero tintuza ukoll meta jkun hemm problemi ta' spazju u tintuza ukoll meta xi hadd ikoll bzonn jigi ristrett jew il-whereabouts tieghu ikollhom jigu kontrollati. Mistoqsi dwar suwicidji f'Division 6 x-xhud qal li dawn ma jistawx jigu assocjati necessarjament ma' Division 6 imma mal-habs in generali ghaliex sfortunatament din hija realta li tigri fil-habs kollu u mhux f'xi divizjoni partikolari; u dan mhux f'Malta biss. In kontro-ezami ix-xhud ikkonferma li huwa kien general practitioner ghalhekk meta pazjent ikollu affarijiet li jirrikjedu intervent spcjalizzat kien jirreferih ghand il-psikjatra.

## **Punti Preliminari**

Ikkunsidrat

<u>L-istqarrija tal-imputat</u>

Illi kif intqal fil-kors ta'dawn il-proceduri giet prezentata l-istqarrija tal-imputat li kienet giet rilaxxjata f'l-1 ta' Gunju 2010. Konformament ma' dak li kienet tipprovdi l-Ligi fiz-zmien in ezami, l-imputat inghata d-dritt, liema dritt l-imputat prevalixxa ruhu minnu, li jikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija; izda ma nghatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt ir-rilaxx ta'l-istqarrija.

Illi l-ammissibilita ta' stqarrija rilaxxjata f'cirkostanzi simili ghal dik in ezami giet dibattuta f'ghadd kbir ta' sentenzi kemm ta' Qrati domestici kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Aktar minn hekk jidher li kien hemm bdil fil-hsieb tal-Qrati domestici tul is-snin, bdil li kien jirrifletti bdil fil-hsieb tal-Qorti Ewropea. F'wahda mill-aktar senenzi recenti fir-rigward, mghotija fil-31 ta' Jannar 2020[53], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li ghaddiet in rassenja l-gurisprudenza l-aktar prevalenti u tat rendikont ta' kif din evolviet, qalet hekk:

> *Illi jinghad qabel xejn illi illum gew imfassla il-kriterji mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ghandhom jigu ezaminati f'kull kaz ghalih u dan anke fejn allura tezisti restrizzjoni generali fil-ligi dwar id-dritt tal-access ghall-avukat, bil-Qorti Ewropeja titbieghed mill-insenjament tramandat fil-kaz ta' Salduz.*
>
> *Illi ghalkemm illum il-ligi penali nostrana giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll*

[52] Dr Tonna kien qed jixhed f'l-10 ta' Jannar 2014.
[53] Fil-kawza Pulizija vs Salvu Briffa et.

*ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija tal-appellant kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija.* ***Dan b'differenza mis-sitwazzjoni li kienet tezisti qabel is-sena 2010 fejn hemmhekk il-persuna suspettata kienet ghal kollox imcahhda minn xi forma ta' assistenza legali****.*

*Illi illum din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjamenti recenti moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod ewlieni dak ta' Farrugia vs Malta li mexa fuq l-insenjament tramandat fil-kaz Bueze vs Belgium u Doyle vs Ireland ma tistax a priori tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f'dawn il-pronunzjamenti kull kaz irid jitqies ghalih u allura jrid jigi mistharreg f'kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija dan setax impinga fuq is-smigh xieraq iktar 'il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.*

*Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f'kaz fejn xi forma ta' assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi a priori illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi il-qrati domestici jindagaw jekk il-proceduri fl-intier taghhom kenux gusti fil-konfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':*
*1. the existence of compelling reasons for the right to be witheld*
*2. the overall fairness of the proceedings.*

*Gie deciz hekk fil-kaz Bueze vs Belgium (para 120 – 130)1(Deċiża nhar id-9.11.2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10)*

***'In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence***

*of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).' ...*

*'the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*
*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

***(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and***
***(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.***

*L-istess prinċiplji ġew applikati fis-sentenza li laqtet lil pajjizna,* **Farrugia vs Malta** *fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi:*

***'while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'***

*Illi kif inghad l-appellant ikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu qabel irrilaxxja l-istqarrija u kien abbilment assistit mill-avukat tieghu tul dawn il-proceduri fejn qanqal diversi difizi li kollha ser jigu kkunsidrati minn din il-Qorti fid-decizjoni taghha. In oltre, hemm provi u xhieda oħrajn li tressqu apparti din l-istqarrija, li jixhtu dawl fuq dak li sehh u fuq l-akkuzi addebitati lill-appellant. Mhux biss izda meta din il-Qorti tieħu kont tal-provi li hemm fl-atti mhijiex tal-fehma illi l-appellant sofra jew ser isofri xi preġudizzju irrimedjabbli billi fl-istadju li rrilaxxja l-istqarrija tiegħu hu ma kellux l-avukat preżenti mieghu speċjalment tenut kont tal-fatt illi hu kien diġa kkonsulta debitament mal-istess. Konsegwentement dan l-ilment qed jigi michud.*

Illi minn din il-gurisprudenza jidher car li stqarrija mehuda fic-cirkostanzi odjerni tista jew ma tistax tinghata piz probatorju skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz li fiha giet prezentata bhala prova, mehud in konsiderazzjoni ukoll l-assjem tal-provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in ezami l-prosekuzzjoni mhux qed tibbaza l-kaz taghha fuq l-istqarrija ta'l-imputat; fil-fatt tressqu diversi provi li minnhom l-istqarrija ta'l-imputat hija element wiehed minn bosta.

Illi l-imputat, li ma jistax jitqies bhala persuna vulnerabbli u (kif jidher mill-fedina penali tieghu) lanqas ma jista jitqies estranju ghal investigazzjonijiet kriminali, ikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija; aktar minn hekk nghatat twissija li ghandu dritt li ma jirrispondiex mistoqsijiet li jsirulu. Huwa fil-fatt kien kapaci jipprevalixxi ruhu minn din il-fakolta ghaliex kien hemm diversi mistoqsijiet li huwa ghazel li ma jirrispondiex ghalihom.

Illi fid-dawl tas-suespost u tal-gurisprudenza fuq kwotata l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taccetta l-istqarrija ta'l-imputat bhala prova ohra f'l-atti processwali u li ghandha taghtiha dak il-piz probatorju skond ic-cirkostanzi fid-dawl tal-provi kollha prodotti.

## *Ne Bis In Idem*

Ikkunsidrat

Illi fil-kors tas-sottomissjonijiet maghmul f'isem l-imputat giet sollevat l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem.*

Illi d-difiza tikkontendi li immedjatament wara l-incident mertu ta' dawn l-proceduri l-imputat ittiehed f'Division 6 tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li, skond hu, hija l-division tal-kastig. Ghalhekk, dejjem skond ma jikkontendi l-imputat, hu diga nghata kastig fir-rigward ta' dan l-incident u allura ma jistax jerga jghaddi minn process penali u jinghata kastig iehor permezz tal-proceduri odjerni. Dan ghalhiex din il-piena mghotija fil-proceduri odjerni tkun bi vjolazzjoni tal-principju ta' *ne bis in idem*.

Illi f'dana ir-rigward jibda biex jinghad li mid-depozizzjoni ta' Mario Zahra, manager tal-Facilta Korrettiva ta' Kordin, jirrizulta li Division 6 ghandha diversi uzi: tintuza bhala l-reception division, cioe il-post fejn jinzamm prigunier ghall-ewwel li jigi detenut; tintuza meta jkun hemm overpopulation fid-divisions l-ohra; tintuza bhala maximum security division; tintuza meta jkun mehtieg li xi prigunier jinzamm separat minn ohrajn; u tintuza ukoll ghal kastig meta jkun hemm decizjoni f'dan is-sens mill-Bord jew id-Direttur.[54]

Illi mill-atti m'ghandu jirrizulta ampjament li immedjatament wara l-incident ta'l-1 ta' Gunju 2010 l-imputat, li kien jokkupa cella f'Division 1, ittiehed f'Division 6. Mir-records esebiti mill-Maggur Vince Vassallo[55] jirrizulta li l-imputat ittiehed f'Division 6 f'l-1 ta' Gunju 2010 u dam hemm sas-7 ta' Awissu 2010 meta ittiehed f'Single Room. Hemm ghamel gurnata u l-ghada rega ittiehed Division 6 fejn baqa sa' l-10 ta' Dicembru 2010. Minn dawn ir-records jirrizulta li tul is-snin kien hemm diversi okkazzjonijiet ohra meta l-imputat ittiehed Division 6. Pero dan, u tenut kont ta' dak li spjega Mario Zahra, ma jfissirx li l-imputat kien qieghed hemm ghaliex inghata xi kastig. Dwar id-decizjoni li l-imputat jittiehed f'Division 6 wara l-incident in ezami Zahra jghid li din ittiehed biex l-imputat u Borg jinzammu separati.

---

[54] Dan jirrizulta ukoll minn dak li qalu diversi ufficjali ohra tal-Facilita Korretiva ta' Kordin u anke mid-depozizzoni ta' Dr Joseph Tonna. Mario Zahra huwa l-manager tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin ghalhekk huwa l-aktar persuna idonea biex jaghti informazzjoni dwar l-uzu tad-divisions li hemm il-habs.

[55] Dok VV1 a fol 257.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-imsemmi Mario Zahra jirrizulta ukoll li ghal kull prigunier tinzamm "behaviour sheet" jew "punishment sheet" li fiha jkun hemm elenkat incidenti jew episodji li dwarhom jew ittiehdu proceduri quddiem il-Bord jew ittiehdu decizjonijiet mid-Direttur; f'dan id-dokument hemm indikat ukoll il-konsegwenza jew il-kastig li gie impost fuq il-prigunier ghal dak l-agir. Mill-behaviour sheet ta'l-imputat[56] ma jidhirx li ittiehdu xi proceduri interni fil-konfront tieghu ghall-incident mertu de quo, la mill-Bord u lanqas mid-Direttur.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li ***wara sentenza***[57] *li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra*. Minn din id-dispozizzjoni huwa car li biex tirnexxi l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* irid jigi pruvat li l-ewwel proceduri intemmew b'sentenza. Fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo *for the same fact, in respect of which proceedings have already been taken* ***and a judgement given***[58]*, sentencing or acquitting the defendant, it is not lawful to exercise the action a second time*[59].

Illi l-principju ta' *ne bis in idem* huwa inhaddan mhux biss fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li

> *Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat*

Illi l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi:

> *No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State*.

Illi minn gurispudenza kostanti jemergi li biex tirnexxi l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, indipendentement minn jekk din hija imsejsa fuq il-Kodici Kriminali, fuq il-Kostituzzjoni jew fuq il-Konvenzjoni, irid jigi pruvat li l-istess persuna diga ghaddiet process penali (irrispettivament minn jekk dak il-process wassalx ghal sejbin ta' htija jew liberatorja) ghall-istess reati jew ghal l-istess fatti, b'mod li issa dik il-kwistjoni, cioe il-htija o meno ta' dik il-persuna ghal reati naxxenti minn l-istess fatti, hija res gudikata.

---

56 Dok MZ1 a fol 215.
57 Sottolinear ta' din il-Qorti.
58 Sottolinear ta' din il-Qorti.
59 Notes On Criminal Procedure pagna 45.

Illi b'referenza partikolari ghall-applikazzjoni o meno tal-principju ta' *ne bis in idem* meta jittiehdu mizuri dixxiplinari interni fir-rigward ta' prigunier li fil-konfront tieghu jinbdew ukoll proceduri penali quddiem il-Qorti, kellha okkazzjoni tippronunzja ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Zammit et[60]. F'din is-sentenza gie ribadiet li l-principju ta' *ne bis in idem* jassigura *li persuna ma tigix assoggettata darbtejn ghal proceduri li jkunu essenzjalment ta' natura penali ghall-istess reat, salv naturalment, li l-ewwel proceduri jkunu gew finalment konkluzi (cioe` l-ewwel decizjoni tkun ghaddiet in gudikat).* Gie ribadiet ukoll li l-principju ta' *ne bis idem ma jipprojbix li persuna tigi processata darbtejn meta l-istess fatt jaghti lok ghal proceduri penali u ghal proceduri ta' natura ohra, bhal, per ezempju, proceduri dixxiplinari.*

Illi dawn il-proceduri dixxiplinari pero ma jistghux ikunu ta' natura kriminali jew penali. Fil-fatt fis-sentenza citata l-Qorti Kostituzzjonali qiset li biex tigi determinata r-referenza lilha maghmula kellu l-ewwel jigi determinat jekk il-proceduri li ghalihom kienu sottomessi l-imputati f'dak il-kaz[61] *qabel ma huma tressqu akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kienux semplicement proceduri dixxiplinari jew kienux fir-realta` proceduri ta' natura kriminali jew penali*. Wara li rriferit ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward u rriaffermat il-principju li "*the notion of 'criminal' in Article 4 of Protocol No. 7 is identical to the term 'criminal' in Article 6 of the Convention*", ikkonkludiet li biex jigi determinat jekk il-proceduri humiex *"kriminali" jew proceduri xort' ohra (ezempju "dixxiplinari"), setghet taddotta l-kriterji li l-Qorti ta' Strasbourg holqot maz-zmien sabiex tiddetermina jekk akkuza hiex ta' natura "kriminali" ghall-finijiet tal-Artikolu 6.* Dawn il-kriterji huma bazikament tlieta: (a) il-klassifikazzjoni tad-disposizzjoni taht il-ligi domestika, (b) in-natura tar-reat, u (c) in-natura u l-gravita` tal-piena. Il-Qorti Kostituzzjonali mbaghad kompliet tghid hekk:

> *ghalkemm il-klassifika tar-reat jew disposizzjoni skond il- ligi domestika wiehed ghandu jikkunsidraha, u ghalkemm in-natura tar-reat (cioe` ghal min hija intiza d-disposizzjoni li toholqu u x'inhu l-iskop taghha) hija importanti, fir-realta` il-kriterju* ***verament determinanti*** *huwa dak tan-natura u l-gravita` tal-"piena" jew "konsegwenza" li ssegwi jekk dak li jkun jinstab li jkun kiser dik id-disposizzjoni.*

Illi wara li dik il-Qorti kkunsidrat li l-imputati f'dak il-kaz kienu gew akkuzati skond proceduri interni tal-habs irribadiet li *l-Artikolu 4(1) tal-Protokoll numru Sebgha ma hux ta' ostakolu li, fuq l-istess fatt, jittiehdu kemm proceduri dixxiplinari kif ukoll proceduri kriminali, u dan indipendentement ukoll mill-ordni li fih dawn jittiehdu.* Pero, peress li f'dak il-kaz l-imputati kienu gew akkuzati

[60] Deciza f'l-10.01.2005; din kienet referenza konstituzzjonali maghmula mill-Qorti tal-Magistrati.
[61] Proceduri li wasslu ghat-telf tar-remission.

quddiem, u nstabu hatja, mill-Bord tar-reat "dixxiplinari" kontemplat fir-Regolamenti dwar il-Habs[62] talli harbu waqt li kienu mizmuma jew meqjusa li kienu mizmuma fil-habs, u peress li l-imputati gew ikkundannati l-massimu ta' loss of remission fuq din l-akkuza, liema sejbien ta' htija u piena gew konfermati mit-Tribunal ta' l-Appelli, il-Qorti Kostituzzjonali ikkunsidrat li:

> *fid-dawl ta' dak deciz mill-Qorti ta' Strasbourg kemm fil-kaz Campbell and Fell v. United Kingdom 29 kif ukoll aktar recentement fil-kaz Ezeh and Connors v. United Kingdom ma tistax ma tqisx tali piena ta' loss of remission (cioe` fl-ammont ta' 365 jum ossia sena) bhala piena "kriminali" u mhux semplicement dixxiplinari ghall-finijiet tal-Konvenzjoni, u dan minhabba n-natura (telf ta' liberta` personali) u s-severita` taghha, b'mod ghalhekk li anke l-proceduri li wasslu ghaliha kienu wkoll fir-realta` ta' natura penali u mhux semplicement dixxiplinari. Kif intqal fil-kaz Campbell and Fell "...the Court is of the opinion that the forfeiture of remission which Mr Campbell risked incurring and the forfeiture actually awarded involved such serious consequences as regards the length of his detention that these penalties have to be regarded, for Convention purposes, as 'criminal'."*
>
> *Il-Qorti tippreciza wkoll li ghal dak li jirrigwarda l-akkuza taht il-paragrafu (j) tar-regolament 75 – u cioe` li wiehed "jiehu, minghajr awtorita` jew raguni legittima, xi oggett li jkun jappartjeni lil persuna ohra jew lill-habs" – dan jista' jgib biss massimu ta' loss of remission ta' mija w ghoxrin jum ossia erba' xhur; din il-Qorti hi tal-fehma li tali piena ossia wahda li tista' tissarraf f'zieda ta' biss erba' xhur aktar ta' prigunerija effettiva, tista' titqies bhala wahda dixxiplinari, u ghalhekk il-fatt li (l-imputati) gew liberati minn dik l-akkuza ifisser li huma gew liberati minn akkuza dixxiplinari u mhux minn wahda li hija fir-realta` ta' natura kriminali.*

Illi fil-kaz in ezami ma ngiebet l-ebda prova ta' xi passi interni mehuda fil-konfront ta'l-imputat permezz ta' liema huwa kellu jirrispondi ghall-agir tieghu fil-konfront ta' Noel Borg. L-unika prova li ngiebet hija li wara l-incident l-imputat ittiehed minn Division 1 ghal Division 6. Mix-xhieda tal-manager tal-habs[63] jirrizulta li dan gie ordnat biex jigi assigurat li l-imputat u Noel Borg ma jigux f'kuntatt ma' xulxin. F'dawn ic-cirkostanzi zgur li ma jstax jinghad li, minbarra il-proceduri odjerni, ittiehdu xi passi fil-konfront ta' l-imputat li jistghu jitqiesu bhala penali fin-natura taghhom u ghalhekk l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* qed tigi michuda.

**L-Ewwel Zewg Imputazzjonijiet**

[62] Avviz Legali 118 tas-Sena 1995 (SL 260.03).
[63] Mario Zahra.

Illi permezz ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza offiza ta' natura gravi fit-termini ta'l-artikoli 218 b'l-aggravju ravvizat f'l-artikolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fuq il-persuna ta' Noel Borg.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li f'l-1 ta' Gunju 2010, fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, hekk kif l-imputat kien sejjer l-MI Room gie wicc mbwicc ma' Noel Borg li da parti tieghu kien hiereg mill-MI Room. Malli ra lil Borg, l-imputat aggredih b'xafra u kkawzalu diversi griehi f'wiccu.

Illi mix-xhieda mghotija minn Dr Jeffrey Bonnici, Dr Sarah Pirotta u Dr Mario Scerri gie stabbilit li bhala rizultat ta' dan l-incident Borg ghandu zewg cikattrici paralleli ghal xulxin fuq in-naha tax-xellug tal-wicc. Dawn ic-cikatrici ser jibqaw marka permanenti fil-wicc u huma vizibbli sew, fatt li jirrizulta anke mir-ritratti formanti parti mir-rapport ta' Dr Scerri.

Mill-atti jirrizulta ukoll li Borg kellu toqba f'l-abjad ta' ghajnejh tax-xellug, ticrita fil-kulur ta'l-ghajn u ticrita fil-gilda tal-kappell ta'l-ghajn dejjem tax-xellug. Dan kollu irrizulta f'marka permanenti fil-cornea li qed tikkawza problemi serji fil-vista.

Illi offiza hija kkunsidrata gravissima fit-termini l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 jekk:

> *jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;* jew
>
> *jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi aktar minn hekk ai termini ta's-subartikolu 2 ta'l-imsemmi artikolu 218 *id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

Illi mill-provi processwali m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-offiza li soffra Borg ikkawzatlu mhux biss sfregju gravi u permanenti f'wiccu, imma anke difett u debulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi parti minn gismu (ghajnejh). Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li dawn il-griehi gew ikkawazati minn xafra cioe *bi strument li jaqta' jew iniggeż* fit-termini ta'l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa stabbilit ukoll li dawn il-griehi gew ikkawzati bhala rizultat ta' daqqiet li l-imputat ta lil Borg.

Illi fil-verita l-imputat mhux qed jikkontesta la n-natura tal-griehi sofferti mill-imputat, la kif gew ikkawzati u lanqas li kien propju hu li kkawzahom. Huwa pero jikkontendi li ghandhom japplikaw favur tieghu tieghu l-iskuzanti predisposti f'l-artikolu 227(a) u 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rezi applikabbli ghal

kazijiet ta' offiza volontarja permezz ta' l-artikolu 230(a) u 230(d) rispettivament tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat

Illi ai termini ta'l-artikoli 230(a) u 227(a) l-offiza hija skuzabbli *jekk tkun ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija*.

Illi ai termini ta'l-artikolu 235 ta'l-istess Kapitolu 9 mbaghad *ma jiswewx lill-ħati l-provokazzjonijiet imsemmijin f'l-artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li tagħha jinġiebu bħala skuża*.

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li fil-kaz ta'l-iskuzanti ravvizata f'l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 il-provokazzjoni, ghalkemm mhux specifikata, trid tkun wahda tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunament igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt; il-kriterju, ghalhekk, hu wiehed oggettiv: il-bniedem ta' temperament ordinarju. Fil-kaz ta'l-iskuzanti ravvizata f'l-artikolu 227(a) pero l-Ligi tispecifika ezattament x'ghandha tkun il-provokazzjoni.

> *Now so that a person may be deemed to be incapable of reflecting and benefit this excuse*[64] *it is necessary in cases of provocation, that the homicide be attributable to the heat of the blood ……and that the cause be such as would, on persons of ordinary temperament, commonly produce this effect of rendering them incapable of reflecting on the consequences of the crime. ..... the test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self control, not whether it was sufficient to deprive of his self control the particular person charged ... In the case of the excuse dealt with at (c) above* [65]*, the legislator specifies what the provocation must consist in, i.e. a grevios bodily harm or in any other offence against the person punishable with more than a year's .... imprisonment.*[66]

Illi l-Professur Mamo jzied li:

> *Now in regard to all cases of provocation ... it is expressly laid down that they shall not avail the offender unless they shall have taken place at the time of the act in excuse thereof they are pleaded. In other words it is essential that the wounding, etc should have been inflicted immediately upon the provocation being given: for if there is a sufficient*

---

[64] Dik ravvizata f'l-artikolu 227(c).
[65] Cioe l-iskuzanti ravvizata f'l-artikolu 227(a).
[66] Notes on Criminal Law II Year, pagna 241.

*cooling time for the passion to subside and reason to interpose and gain domain over the mind, and the person so provoked kills the other, this is deliberate revenge and not heat of the blood.*[67]

Illi minn dan jemergi li biex l-iskuzant ravvizat f'l-artikolu 227(a) jigi invokat b'success iridu jigu pruvati zewg elementi:

i. Reazzjoni provokata minn offiza gravi fuq il-persuna jew delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt l-iehor ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija; u li
ii. Din ir-reazzjoni tkun istantanja ghall-offiza subita jew ghall-kommissjoni tar-reat.

Illi mill-atti jirrizulta li incidenti bejn l-imputat u Noel Borg kien hemm tnejn: dak odjern li sehh f'l-1 ta' Gunju 2010 u iehor li sehh xi gimgha qabel. L-imputat. meta kien qed jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti, u b'mod patikolari ghall-kronologija tal-fatti, jghid li l-ewwel incident sehh il-Hamis. Jghid li l-Hadd ta' wara xi hadd qallu li Borg kien ser ipattihielu u kien qed jitlob ghas-sikkina li kien heba fic-cella li kien jokkupa f'Division 1 qabel ma caqalquh ghal Division 3. Jghid ukoll li minhabba f'hekk l-ghada, u ghalhekk it-Tnejn, ha xafra mieghu meta mar ghall-methadone u dak in-nhar sehh it-tieni incident. Dan ma jistax ikun ghaliex ghaliex l-1 ta' Gunju 2010 kien it-Tlieta. Dwar meta sehh l-ewwel incident hemm qbil bejn il-partijiet dan sehh il-Hamis u l-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddubita dan il-fatt.

Illi l-imputat jghid li f' l-incident tal-Hamis huwa soffra griehi fuq mohhu li gew kawzati b'daqqa ta sikkina; in sostenn ta' dan talab li jigi esebiet ritratt li kien ittiehed ta' dawn il-griehi. Il-Maggur Vincent Vassallo prezenta ritratti darbtejn. L-ewwel ritratti prezenti kienu ritratti, ta'l-imputat, li x'aktarx ittiehdu fit-8 ta' Marzu 2008 u m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-fatti ta' dan il-kaz. Sussegwentement prezenta ritratt iehor ta'l-imputat, liema ritratt ittiehed fis-6 ta' Gunju 2010 u ghalhekk ghaxart ijiem wara l-incident tal-Hamis u hamest ijiem wara l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Dan ir-ritratt wahdu ghalhekk ma tantx jista jitqies bhala prova konklussiva ta' xi griehi li seta' soffra l-imputat f'l-incident tal-Hamis tenut kont tad-dekors taz-zmien. Minkejja dan pero l-Maggur Frans Agius ikkonferma li kien hemm okkazzjoni meta kien stazzjonat xoghol fic-Central Hall u inqala' argument bejn l-imputat u Noel Borg u li wara l-incident, sakemm qafel lil Borg, sab lill-imputat fil-kamra tal-banju u ra li kellu line ahmar bid-demm fuq mohhu. Il-Maggur Agius ma specifikax meta sehh dan l-incident pero l-Qorti ma teskludiex li kien l-incident li sehh il-Hamis ta' qabel l-1 ta' Gunju 2010. Ghalhekk jidher li l-imputat verament soffra xi griehi f'l-incident li sehh il-Hamis.

[67] Op cit pagna 242.

Illi l-imputat jghid li qala daqqa ta' sikkina, b'l-implikazzjoni li huwa kellu lacerazzjoni fuq mohhu. Noel Borg, fil-waqt li jammetti li kien hemm argument bejnu u bejn l-imputat il-Hamis, jinnega li hu kellu xi sikkina. L-imputat min-naha l-ohra jghid li huwa cert li Borg kellu sikkina u li dan kien hbiha fic-cella li kellu f'Division 1 immedjatament wara l-incident u ma lahaqx hadha meta haduh Division 3, tant li (l-imputa) ra fejn kienet mohbija il-Hadd ta' wara l-incident.

Illi l-Qorti pero ma tantx tista' taccetta din il-verzjoni bhala wahda verosimili. F'l-ewwel lok difficilment temmen li meta l-ufficjal tal-habs mar iferraq lill-imputat u lil Borg u sa kemm ha lil Borg lura fic-cella tieghu ma ndunax li kellu sikkina twila 10cm f'idejh[68]. Il-Qorti issib inverosimili ukoll li l-asserzjoni li l-imputat soffra lacerazzjoni f'mohhu u ma ittihidx l-MI Room ghall-kura. Fil-verita r-ritratt ta'l-imputat mehud fis-6 ta' Gunju 2010[69], anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni d-dekors taz-zmien minn meta suppost giet kawzata l-gerha sakemm ittiehed ir-ritratt, ma jurux lacerazzjoni imma girfa.

Illi l-imputat jallega ukoll li l-Hadd ta' qabel l-incident xi hadd qallu li Noel Borg qal li rid ipattihielu u li kien qed jipprova jerga jiehu s-sikkina li kien halla fic-cella. L-imputat la qal min qallu dan id-diskors u wisq anqas gab xi xhieda in sostenn ta' din l-allegazzjoni.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li tressqet prova, imqar sal-grad tal-probabbli[70], li l-imputat kien soffra xi offiza gravi jew li kien vittma ta' xi delitt (perpetrat minn Noel Borg) suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija.

Illi minbarra hekk hemm ostakolu iehor biex dan l-incident iservi bhala skuza fit-termini ta'l-artikoli 227(a) u 230(a) ghall-agir ta'l-imputat f'l-1 ta' Gunju 2010. Kif ntqal aktar 'l fuq, skond l-artikolu 235 tal-Kapitolu 9, kif konfermat mid-dottrina u l-gurisprudenza, biex tirnexxi difiza bazata fuq l-artikolu 227(a) tal-Kapitolu 9 ir-reazzjoni ta'l-imputat ghall-offiza subita kellha tkun wahda immedjata u istantanja; l-atti juru li kienu lahqu ghaddew hamest ijiem u ghalhekk fi kliem il-Professur Mamo kien hemm *a sufficient cooling time for the passion to subside and reason to interpose and gain domain over the mind*.

Illi ghal kull bon fini u dwar l-incident li sehh f'l-1 ta' Gunju 2010 jigi rilevat li mill-atti jirrizulta li dak in-nhar kien l-imputat li l-ewwel li refa' idejh fuq Borg malli gew wicc imbwicc; dan jirrizulta mhux biss mid-depozizzjoni ta' Noel Borg imma anke mid-depozizzjoni ta' CO95 Roger Mifsud. L-imputat jaghti verzjoni differenti u cioe li ra lil Borg jgholli idejh u hu kien pront qabadlu idejh b'id wahda u b'l-id l-ohra xejjirlu daqtejn bix-xafra. Il-Qorti pero hija konvinta li tista' taghti kredibilita lil verzjoni mghotija minn Borg kif korroborata minn CO 95 Mifsud.

---

68 Is-sikkina li eventwalment instabet fic-cella li kien jokkupa Borg tidher mir-ritratti annessi fir-rapport ta' Joseph Mallia minn fejn jirrizulta li hija ghaxar centimetri twila.
69 Esebit a fol 253.
70 Tenut kont li din il-provi kien qed jaghmilha l-imputat l-oneru huwa dak fuq bazi ta' probabilita.

Fil-verita fis-sottomissjonijiet maghmula f'isem l-imputat l-provokazzjoni giet bazata fuq l-incident tal-Hamis u mhux fuq xi haga li setghet grat f'l-1 ta' Gunju. Aktar minn hekk anke kieku l-Qorti kellha taccetta l-verzjoni mghotija mill-imputat (verzjoni li hija pero ma taccettax bhala wahda veritjiera) lanqas minn din il-verzjoni ma jirrizulta li f'l-1 ta' Gunju Borg ghamel xi griehi gravi lill-imputat jew li ikkommetta xi delitt kontra l-persuna li huwa suggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija ghaliex, dejjem skond il-verzjoni ta'l-imputat, kull m'ghamel Borg kien li gholla idejh.

Illi in vista tas-suespost l-iskuzanti predisposta f'l-artikolu 227(a) tal-Kapitolu 9 ma tistax issib applikazzjoni fil-kaz in ezami.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal l-imputat qed jibbaza d-difiza tieghu ukoll fuq l-iskuzant predispost f'l-artikoli 230(d) u 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta' liema l-offiza hija skuzabbli jekk *ssir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223*[71]*, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn; iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret.*

Illi f'l-artikolu 223 il-Kapitolu 9 jipprovdi ghad-dritt tal-legittima difesa. Ghalhekk huwa car li biex tigi invokata b'success l-iskuzanti issa in ezami l-ewwel irid jigi stabbilit li l-agir ta'l-imputat kien *meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima tieghu innifsu.* Jekk dan jigi pruvat allura mbaghad il-Qorti trid tghaddi biex tara jekk l-imputat fir-reazzjoni tieghu harigx barra mill-limiti imposti u jekk dan sehhx minhabba li kien inhasad, beza' jew twerwer.

Illi huwa ben stabbilit fl-gurisprudenza li d-dritt ghall-legittima difesa:

> *jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.* ***Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel***[72]

[71] Cioe dawk ta' legittima difesa.
[72] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

*ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.*[73]

Illi fil-fatt gie ribadiet diversi drabi fill-gurisprudenza taghna li:

*Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta' difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli*[74]*."*

Illi dwar l-inevitibilita tal-perikolu l-Qorti tal-Appell Kriminali tispjega

*li l-mod kif il-kwistjoni ta'l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-periklu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, fácilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element ta'l-inevitabbilita' tal-periklu jew minaccja. Jekk pero', mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-periklu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta'l-inevitabbilita'.*[75]

Illi anke il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li

*The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means.*[76]

[73] Ref Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciz 20.01.1995.
[74] Ref Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro Appelli Kriminali deciz 26.08.1998.
[75] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Donimic Briffa deciz 16.10.2003.
[76] Ref Notes on Criminal Law I Year Pagna 104.

Illi l-imputat qed jorbot l-applikazzjoni ta' din l-iskuzanti mal-fatt li l-Hamis ta' qabel l-incident de quo huwa safa attakkat minn Noel Borg u li l-Hadd ta' qabel l-istess Borg qal li jrid ipatthielu.

Illi kif diga ntqal l-imputat ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' l-allegazzjoni li Noel Borg ried ipatthielu. Fi kwalunkwe kaz sia dak allegat mill-imputat u sia l-incident tal-Hamis sehhew jumejn u hamest ijiem rispetttivament qabel l-incident mertu tal-proceduri odjerni. Ghalhekk u b'applikazzjoni tal-principji maxxenti mill-gurisprudenza fuq kwotata zgur ma jistax jinghad li dawn l-episodji jikkostitwixxi xi perikolu attwali fir-rigward ta'l-incident odjern.

Illi aktar minn hekk u b'referenza ghad-dinamika ta'l-incident odjern mill-atti ma jirrizultax li Borg jaghmel xi haga li poggiet lill-imputat f'perikolu b'mod li huwa kellu bzonn jiddefendi lilu nnifsu. Fil-verita Borg m'ghamel assolutament xejn. Kien l-imputat li, armat b'xafra, malli ra lil Borg qabad u aggredih; dan minghajr ma Borg ghamel xi moviment kwalunkwe jew lissen xi kelma. Jerga jigi rilevat li ghalkemm l-imputat jallega li kien Borg li gholla idejh l-ewwel din il-Qorti ma taccettax din l-allegazzjoni bhal wahda veritjiera mhux biss ghax ma tqies lill-imputat bhala kredibbli, imma anke peress li hija kontradetta li minn dak li jghid Borg imma anke CO95 Roger Mifsud.

Illi f'dawn ic-cirkosanzi zgur li ma jistax jinghad li l-imputat kien qed jaagixxi biex jiddifendi lilu nnifsu, konsegwentement ma jistax jiprevalixxi ruhhu mill-iskuzanti ta'l-eccess fil-legittima difesa.

Illi in vista tas-suespost l-ewwl zewg imputazzjonijiet huma sodisfacjetment pruvati kif dedotti.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li zamm jew garr sikkina, xafra, jew strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja ta-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi kemm mic-citazzjoni kif ukoll min-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jidher li din l-imputazzjoni qed tigi bazata fuq l-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fatt huwa dan l-artikolu li gie kwotat mill-Avukat Generali.

Illi l-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar l-Armi, gie abbrogat permezz ta'l-Att XIV tas-sena 2005 u sostitwiet permezz tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti hija obbligata li tippronunzja ruhha fuq dawk ir-reati li jirrizultaw mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi elenakati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali.

Illi la darba l-artikolu 13 ta'l-artikolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghadux jezisti huwa car li l-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha dwar din l-imputazzjoni u konsegwentement ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Ir-raba imputazzjoni**

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat li kien prospettat f'l-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu tal-Ligi huwa indikat ukoll fin-nota ta' rinviju ghal-gudizzju ta'l-Avukat Generali.

Illi l-imsemmi artikolu 252 li kien jipprovdi ghar-reat dwar ingurja gie abrogat permezz ta'l-Att XI tas-sena 2018[77].

Illi huwa principju generali fid-dritt penali li d-dispozizzjonijiet tal-Ligi ma jistghux jigu applikati retroattivament. Dan il-principju pero jsib eccezzjoni meta l-emendi jew il-legislazzjoni l-gdida tkun aktar favorevoli ghall-imputat. F'dan ir-rigward il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li

> *... legislation by which the conduct of mankind is to be reguated ought to deal with future acts and not change the character of acts done upon the faith of an existing law.*
>
> *An apparent exception to the rule that penal law cannot have retrospective effect occurs when a new law enacted after the commission of the offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time of the offence was committed. The hypothesis is twofold:*
>
> *i. The law against which the offence was committed is subsequently repealed, so that the act is no longer criminal;*
>
> *ii. The law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and proesecution are varied.*
>
> *The principle accepted in continental doctrine and practice, which we follow in this this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification while proceedings are still pending, such proceedings fall and no sentence against the accused may be pronounced. If before the man is tried the legislature cancels the criminal*

[77] Ref artikolu 25(e).

*nature of the act with which he stands charged, there is no longer any justification for the inflicting punishment upon him.*[78]

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji u la darba l-artikolu 252 li fuqu hija bazata din ir-raba imputazzjoni gie abbrogat il-procediment fir-rigward ta' din l-imputazzjoni huwa ezawriet.

**L-imputazzjonijiet Numru Hamsa, Sitta, Sebgha u Tmienja**

Illi l-erbgha imputazzjonijiet issa in ezami huma ta' natura kontravvenzjonali u bazati rispettivament fuq l-artikoli 338(dd), 339(d), 339(b) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li f'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri li l-imputat aggredixxa lil Noel Borg, u li waqt din l-aggressjoni l-imputat qabad u uza xafra kontra Borg. Jirrizulta ukoll li dan l-eghmil ta' l-imputat, *minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom sehh, nissel nkwiet jew thassib f'mohh persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil*[79].

Illi konsegwentement l-imputazzjonijiet numru hamsa, sitta u sebgha huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-istess ma jistax jinghad ghat-tmien imputazzjoni. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li f'l-1 ta' Gunju 2010 l-imputat qal xi haga lil Borg li tista' tifthiem bhala theddied jew li tista' titqies ingurjuza. Fil-verita mill-atti ma jirrizultax li f'l-incident de quo sar xi diskors mill-imputat jew Borg. Ghalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

**Id-Disa' Imputazzjoni**

Illi permezz ta' din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in sostenn ta' dan l-addebietu gew prezentati zewg sentenzi: wahda datata 10 ta' Marzu 2000[80], u l-ohra datata 9 ta' Mejju 2008[81].

Illi permezz ta'l-ewwel sentenza il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ikkonfermat sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati permezz ta' liema l-imputat gie kkundannat tlett xhur prigunerija u multa. Permezz tat-tieni sentenza fuq imsemmiija, ukoll mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali, giet konfermata

---

[78] Ref Notes on Ciminal Law Laws 1 Year pagna 31.
[79] Ref 7 Il-Pulizija vs Joseph Spiteri, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'l-24.05.1996.
[80] Dok SZ1 a fol 95.
[81] Dok SZ2 a fol 98.

sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati permezz ta' liema l-imputat gie ikkundannat disa' xhur prigunerija.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew f'l-1 ta' Gunnju 2010. La darba t-tieni sentenza fuq imsemmija inghatat fid-9 ta' Mejju 2008, l-imputat ghandu jitqies recidiv mhux biss fit-termini ta'l-artikolu 49 imma anke fit-termini ta'l-artikolu 50.

**Ir-reati prospettati f'l-artikoli 338(bb) u 338(ff) tal-Kapitolu 9**

Ikkunsidrat

Illi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju hemm elenkati artikoli ohra li fil-fehma ta' l-Avukat Generali tista' tinstab htija fil-konfront ta'l-imputat ghar-reati hemm ravvizati. Fil-fatt fil-paragrafu (d) tan-nota ta' rinviju hemm elenkati l-artikoli 338(bb) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 338(bb) jipprovdi li:

> *għad illi jkun xurban, igħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew jagħmel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;*

U l-artikolu 338(ff) jipprovdi li:

> *f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, jinsab fissakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu; jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, ikun jidher biċ-ċar fis-sakra waqt li jkollu l-ħsieb ta' tfal ta' taħt is-seba' snin, jew ta' żwiemel, bgħula jew barrin, jew ta' makni bl-istim jew ta' xi vettura, inkella, waqt li jkun f'dak l-istat, idejjaq in-nies jew jagħmel storbju, jew ikollu fuqu armi tan-nar, jew ma jkunx irid joħroġ minn ħanut tax-xorb, ħanut tal-ikel, taverna jew lukanda, jew ifittex li jirkeb f'dgħajsa jew fuq bastiment tal-passiġġieri, jew fuq vettura oħra, jew ma jkunx irid jinżel minn fuq id-dgħajsa, bastiment jew vettura oħra għalkemm jiġi mwissi mill-persuna li jkollha l-ħsieb tagħhom biex ma jirkibx fuq iddgħajsa, bastiment jew vettura oħra, jew biex jinżel minn fuqhom;*

Illi dawn ir-reati ma jirrizultawx fost l-imputazzjonijiet elenkati fic-citazzjoni.

Illi huwa ben satbbilit li n-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali mahruga

> *... skond is-subartikolu 3 ta'l-artikolu 370 ... tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota tar-rinviju*

*ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li ma li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali naturalment jista' jnaqqas reat jew reati anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta'rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*[82]

Illi b'l-inkluzjoni ta' l-artikoli 338(bb) u 338(ff) fin-nota ta' l-Avukat Generali l-addebieti fil-konfront ta' l-imputat saru aktar oneruzi u jirreferu ghal reati li ma saritx kumpilazzjoni dwarhom, ghalhekk kontra l-principju affermat fis-sentenza fuq kwotata.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjonijiet naxxenti minn dawn l-artikoli.

Ikkunsidrat

**Il-Piena**

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi l-ewwel fattur li ttiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; ittiehdet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda refrettarja immens u turi li tul is-snin l-imputat gie ikkundannat ghal diversi reati ta' natura gravissima.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew f'l-1 ta' Gunju 2010. Dak in-nhar il-piena prospettata ghal reat kommess bi ksur in kontravvenzjoni ta'l-artikolu 216 kienet dik ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin; il-piena prospettata ghal reat kommess bi ksur ta'l-artikolu 217 kienet dik ta' prigunerija minn hames xhur sa erbgha snin; fil-waqt li piena prospettata ghal reat kommess bi ksur ta'l-artikolu 218 kienet dik ta' prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin[83].

Illi peress illi l-imputat huwa recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 l-piena prospettata f'l-artikoli 216, 217 u 218 hawn fuq imsemmija tista' tizdied bi grad. Tenut kont tal-gravita tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u tal-fedina penali refrettarja tieghu l-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha tizdied bi grad.

---

[82] Ref Pulizija vs Michael Carter Apell Kriminali deciz 07.12.2001.

[83] Dawn il-piena zdiedu permezz ta'l-artikoli 24(x)(y)(z) ta'l-Att XIII tas-sena 2018.

Illi ghal kull buon fini u konformament ma' dak ordnat fis-sentenza mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-18 ta' Frar 2020 l-Qorti mhiex ser tapplika l-artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'dan il-kaz.

Illi dwar l-ispejjez rinkorsi fil-kors ta' dawn il-proceduri in konnessjoni mal-hatra ta'l-esperti ghandu jigi rilevat li minbarra Dr Mario Scerri f'l-ezoneru ta'l-ewwel inkarigu lilu mghoti, l-esperti l-ohra kollha gew nominati biex ikunu jistghu jigu determinati eccezzjonijiet u allegazzjonijiet maghmula mill-imputat. Ghalhekk u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ghandu jigi ikkundannat ihallas l-ispejjez kollha hlif ghal nofs l-ispejjez ta'l-ewwel rapport ta' Dr Mario Scerri stante li ma jirrizultax li l-imsemmi Dr Scerri kien inghata inkarigu biex jezamina lill-imputat ukoll.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* sollevata mill-imputat; fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjonijiet naxxenti mill-paragrafu (d) tan-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni; fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tar-raba imputazzjoni; u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tmien imputazzjoni u tilliberah minnha; wara li rat l-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u **tikkundannah sitt (6) snin prigunerija**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta tal-parte leza Noel Borg, **qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300)** milli jimmolesta jew jivvessa lill-imsemmi Noel Borg ghal perjodu ta' sena. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikundanna lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn tmien mija u hdax il-Euro u tlettax il-centenzmu (€2,811.13)** rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**